MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 322/2006

Il-Pulizija
(Spt. M’Stella Attard)

Vs
Alfred Felice

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :
1. fil-wiehed u tletin ta’ Jannar 2006 ghal habta tal-hamsa w kwart ta’ filghodu f’Hal Qormi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Jason Vella f’perikolu car, permezz ta’ strument li jaqta u jniggez [sikkina], ikkagunalu feriti ta’ natura hafifa hekk kif iccertifika Doctor Noel Cassar tal-isptar San Luqa;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, dolozament bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jason Vella minn Hal Qormi, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi xejjer l-imsemmija sikkina fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa permezz ta' strument li jaqta u li jniggez fuq il-persuna ta' Jason Vella, hekk kif ccertifikat minn Doctor Noel Cassar MD fl-isptar San Luqa;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hwejjeg li huma proprjeta ta' Jason Vella, liema hsara tammonta ghal aktar minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Jason Vella;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qieghed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u li jniggez;

6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm u garr strument li jaqta u li jniggez (sikkina) minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

8. hebb kontra Dorianne Vella u Jason Vella sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 t'Ottubru, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 221, 214, 216, 217, 218, 41(1)(a), 338(dd), 339(1)(e) u 533 tal-Kap. 9, l-artikolu 26 u 3(1A) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, salv u b'eccezzjoni tar-raba' (4) akkuza mill-liema akkuza lliberatu, w

ikkundanatu ghal piena karcerarja ta' tmien (8) xhur sospizi ghal tlett (3) snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 t'Ottubru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn sabet mhux hati lill-appellant fir-raba' akkuza, w tirriforma s-sentenza billi thassar il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti sabet lill-appelland hati tal-akkuzi l-ohra w tilliberah.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- (1) li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi w kien hemm dubju serju dwar kif sar l-incident u dan aktar meta kien l-istess appellant li sofra griehi gravi minn-naha tal-allegat vittma Jason Vella (2) li l-Qorti ma dahlitx fuq it-tezi tad-difiza legittima tal-istess appellant meta hu gie aggredit mill-istess Vella. (3) li qatt ma nagabet prova li l-appellant kellu l-intenzjoni specifika li jaghmel ferita gravi fuq l-istess Jason Vella, b' dana kollu l-Ewwel Qorti sabitu hati tar-reat ta' tentattiv ta' ferita gravi. (4) li l-unici xhieda ta' dak li gara kienu l-appellant innifsu , Jason Vella u martu li rat dak li ma garax u ma ratx dak li gara w b' dana kollu l-Ewwel Qorti ibbazat is-sentenza taghhafuq dak li qalet dix-xhud li kellha kull interess li tiskolpa lil zewgha. (5) li l-Ewwel Qorti ghamlet deduzzjoni zbaljata meta waslet f' konkluzzjoni li ladarba l-appellant ma kellux defence wounds allura huwa kien l-aggressur u li d-difiza tieghu ta' self defence ma treggiux. Fl-istess waqt ghogobha ma tikkumenta xejn fuq il-griehi li sofra l-istess appellant.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoini fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illil-aggravji kollha tal-appellant jirrigwardaw l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa l-principju regolatur huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f' dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u tant sentenzi ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Ghalhekk, din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta’ htija dwar l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-appellant eccetto r-raba’ imputazzjoni, li minnha gie liberat.

Ikkonsidrat;

Illi l-provi li fuqhom ibbazat il-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet taghha l-Ewwel Qorti huma x-xiehda ta’ Dorianne Vella, mart l-allegat vittma, Jason Vella, dawk tal-Pulizija li rcevew ir-rapport inizjali tal-allegata vittma u tal-Ispettur li interrogat lill-appellant, kif ukoll tal-fotografi tal-Pulizija li ffotografaw lill-allegata vittma u tat-Tabib Noel Cassar li kkurah u ccertifika l-feriti tieghu fl-Isptar San Luqa (fols. 69 u 70).L-allegat vittma, Jason Vella, minkejja li kien hu li mar jirraporta l-incident l-ghassa ta’ Hal Qormi u hemm ta versjoni ta’ dak li kien gara, meta gie prodott biex jixhed, ghazel – kif kellu dritt li jaghmel – li ma jixhidx ghax fil-konfront tieghu wkoll kien hemm proceduri pendenti.(Fol.13). Ghalhekk kull ma qal dan ix-xhud lill-Pulizija, ladarba hu ghazel li ma jixhidx, jikkostitwixxi *“hearsay evidence”* li mhix ammissibbli bhala prova.

L-appellant f’ din il-kawza ghazel – ukoll kif kellu dritt – li ma jixhidx u d-difiza tieghu hija bazata fuq dak li hu qal fl-istqarrija tieghu (Fol.44-46 tal-process) li hu rrilaxxja biss fit-3 ta’ Frar, 2006, ghaliex meta marru jkellmuh l-isptar dak in-nhar stess tal-incident cioe’ fil-31 ta’ Jannar, 2006, PS 1579 Johan Mifsud (Fol.19 u fol.58 u 59), PS 403 James Grech (Fol. 31 u 32) u ftit aktar tard l-Ispettur Maria Stella Attard (Fols. 36 et seq.), dan kien ghazel li ma jaghti ebda informazzjoni dwar kif kien gara l-incident.

Ghalhekk il-provi ammissibbli dwar il-mekkanika tal-incident ghad-dispozizzjoni tal-Ewwel Qorti kienu biss ix-xiehda ta’ Dorianne Vella u l-istqarrija tal-appellant u xi cirkostanzi indizjarja, jew forsi ahjar in-nuqqas taghhom li setghu jikkorroboraw versjoni jew ohra.

Issa skond **Dorianne Vella** li gara kien li semghet il-bieb ta’ barra jcempel ghall-habta tal-5.15 am u semghet ukoll sussegwentement ukoll xi tisbit mal-bieb. Hi qamet tigri w staqsiet lil zewgha Jason Vella, li dak il-hin kien gie lura d-dar, peress li kien lesta milli jahmi l-hobz, min kien gie dak il-hin. Zewgha qalilha biex ma tinkwetax u hi regghet dahlet fil-kamra. Wara ftit tal-hin bdiet tisma’ hafna ghajjat u nizlet tigri. Appena fethet il-bieb ta’ barra, rat lill-appellant b’ idu wara dahru w b’ sikkina f’ idejh. Hi twerwret meta rat hekk. Semghet lill-appellant jghid lil zewgha: “*Gib lil hutek*.” u joffendieh bil-familja. L-appellant qabad lil zewgha w beda’ jsabbtu mal-bieb tal-girien u ratu wkoll ixejjer bis-sikkina billi jipprova jaghti daqqiet lil zewgha. Hi ppruvat tmur fuq l-appellant u zzommlu idejh biex ma jaghtix biha pero’ ma rmexxilihiex tohodlu s-sikkina minn idejh. Sussegwentement l-appellant qabad lil zewgha tahtu w ratu jaghtih daqqiet biha wkoll. Zewgha pprova jizgicca minn tahtu w qalilha biex iccempel lil Pulizija w telaq jigri minn hemm. L-appellant rega’ dar ghal warajh pero’ ghal ftit hin biss ghax rega’ rritorna ghal-karozza tieghu, dahal fiha w telaq ‘l hemm. Hi cemplet lill-Pulizija mill-ewwel. Kellha t-tfal imqajjmin u dawn bdew iwerzqu. Zewgha spicca b’ daqqiet ta’ sikkina go dahru, kellu girfa ma ghonqu u ferita ohra f’ siequ. Gharfet lill-appellant bhala dak ir-ragel li gie wara l-bieb taghhom u semghetu jghid li jismu Fredu. F’ ebda hin ma rat lil zewgha jaghti bis-sikkina lill-appellant. Zewgha ma juzax skieken fil-forn u hi dik is-sikkina li kellu f’ idejh l-appellant qatt ma kienet ratha qabel.

**PS 1579 Johan Mifsud** xehed li meta l-allegat vittma Jason Vella kien mar l-ghassa bil-giri, ghall-habta tas-6.25 am, deher imwerwer u urieh li f’ kuxxtejh kellu daqqa ta’ mus. Hu ghalhekk baghtu jiddewwa. Meta kellem lil mart Jason Vella, din qaltlu li kienu reqdin id-dar ghall-habta tal-5.15am u cempel il-bieb tad-dar u staqsiet lir-ragel min gie u qalilha li kien Fredu habib tieghu. Hi baqghet fis-sodda u hu nizel isfel. Wara certu hin, hi semghet hafna storbju w nizlet mis-sodda w sabet lill-appellant b’ sikkina ma ghonq ir-ragel taghha. Hi mbuttatu w r-ragel taghha telaq jigri lejn l-ghassa jaghmel rapport. Ma qaltlux li zewgha kien ta’ daqqa ta’ sikkina lill-appellant. Mir-ricerki

li ghamlu fir-records fl-ghassa ta' Hal Qormi, jirrizulta li l-appellant ma ghandu ebda licenzja biex igorr arma tan-nar jew strument bil-ponta.

**WPC 132 Rita Compton** xehdet li mir-ricerki li ghamlet, l-appellant ma jirrizultax li ghandu xi licenzja biex igorr jew izomm arma tan-nar mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Umbaghad il-fotografiji esebiti f' zewg *sets* differenti juru l-lokalita' w n-natura tal-feriti li garrab Jason Vella u l-marka tad-demm fuq il-qalziet twil tad-denim fuq koxxtu tal-lemin. (Fols. 55 u 66).

Ic-certifikat a fol. 47, konfernat bil-gurament minn Dr. Noel Calleja juri li Vella kellu *"stab wound in the right upper thigh 1cm in length u 2.5 cm deep, abrasion around 8cm on right side of neck, two puncture wounds in his left neck (posterior aspect) and on shoulder blade area and three abrasions (O.5 cm in length) on left back."* Kellu ukoll "*bruising on right lower abdominal wall."* Dawn gew certifikati bhala *"slight save complications."*

Fl-istqarrija tieghu **l-appellant** jaghti versjoni ghal kollox differenti minn dik li tat Dorianne Vella. Ibda biex jghid li l-incident sehh go Victory Street, fejn hu gie intercettat minn Jason Vella bil-van tieghu li waqqaf il-van quddiemu w nizel ghalih, b'lembuba daqs tul ta' metru u sikkina twila 10 inches bil-manku b' kollox. Hu ma setax ikompli jsuq ghax Vella hariglu ghan-nofs u ghalhekk hareg mill-car tieghu *"biex nohodhomlu"*.Vella xejjirlu daqqa' ta' sikkina ghad-direzzjoni ta' zaqqu w fil-fatt laqtu hemmhekk. Irmexxilu johodlu l-lembuba w jaf li remiha Ma jafx fejn qeghdha. Ipprova johodlu s-sikkina waqt li qabdu f' xulxin. Vella beda jaghtih b' idejh sakemm kellu s-sikkina u hu ipprova izommhomlu Hu xejjer ukoll b' idejh biex jilqa' d-daqqiet ukoll. *"Wara xi ftit jien hadtlu s-sikkina u nahseb li lqatthu biha ghax gejna f' xulxin. Hu telaq jigri lejn id-dar tieghu u jien tlaqt nigri biex insuq il-karozza halli mmur il-polyclinic u kont imwegga' u beda' hiereg hafna demm."*

Mistoqsi jekk hu kienx mar fejn id-dar ta' Vella, wiegeb li le. Hu ma jafx fejn joqghod Vella u jaf ghax rah diehel id-

dar dak in-nhar tal-incident. Dan ghax hu kien gera' warajh u lahqu diehel id-dar u ghalaq il-bieb. Hu mar lura biex jaqbad il-karozza ghall-polyclinic tal-Gzira. Lil mart Vella hu ma raha f' ebda hin waqt l-incident .

Mistoqsi fejn kienet is-sikkina, wiegeb: "*Jien tlaqtha mal-art fejn gara l-argument."*

Mistoqsi ghalfejn meta l-Ispettur marret tkellmu l-isptar nhar it-31 ta' Jannar, 2006, ghall-habta tad-9am u staqsietu x' kien gara, hu kien ghazel li ma jatiha ebda informazzjoni, l-appellant fl-istqarrija wiegeb: *"Jien dak in-nhar kont mugugh u jien qatt ma ghaddejt minn dawn l-affarijiet."*

Mistoqsi ghalfejn kien gara l-incident, l-appellant wiegeb *:- "Nhar il-hadd jien kont il-forn tieghu bhas-soltu u dan biex nixtri l-hobz bhas-soltu ta' kull fil-ghodu li nispicca mix-xoghol u dan biex nixtri l-hobz u nhar il-hadd , 29 ta' Jannar, qbadna argument fuq ta' Xarabank fuq dawk l-ittri li bdew jibghatu mill-Ingilterra dwar xi rebh ta' flus u ghajjarni tan-nejk, jien irrispondejtu u ghajjartu u offendieni u komplejna noffendu lil xulxin. Jien tlaqt dak in-nhar. Jien nahseb minhabba f' jekk"*

Ikkonsidrat.

Li l-Ewwel Qorti ghalhekk kellha versjoni guramentata ta' Dorianne Vella minn-naha, li kienet konsistenti mall-versjoni li nghatat lil-Pulizija *a tempo vergine* w versjoni mhux guramentata mill-banda l-ohra, li nghatat biss wara erbat ijiem, ghax ghall-bidu l-appellant ma ried jaghti ebda versjoni jew deskrizzjoni ta' dak li gara lil diversi ufficjali tal-Pulizija li ppruvaw ikellmuh l-isptar. Inoltre ma nstabet ebda evidenza korroborattiva ghall-versjoni tal-appellant bhal ma huma l-armi li suppost li gie bihom Jason Vella ghalih u li hu stess suppost kien rema' fit-triq fejn gara l-incident skond hu w cioe' l-lembuba twila metru w s-sikkina li hu suppost halla fl-art. Lanqas ma nstab xi demm. Kien zgur fl-interess tal-appellant li jitkellem mill-ewwel biex isahhah il-versjoni tieghu dwar dawn l-armi u dan l-incident minnu allegat biex il-Pulizija tmur mill-ewwel

fuq il-post u ssib u televa l-armi li hu suppost kien gie aggredit bihom, Minnflok l-appellant ghazel li ma jitkellimx.

Invece mill-banda l-ohra hemm il-versjoni guramentata ta' Dorianne Vella li tindika li l-aggressur bis-sikkina f' idejh kien proprju l-appellant u li zewgha kien irmexxielu jahrab min taht idejh u jmur jigri l-ghassa, fatt korroborat mill-istess PS Johan Mifsud li jghid li Jason Vella dahal jigri l-ghassa imwerwer u wrieh mall-ewwel ferita f' koxxtu.

Illi skond l-artikolu 638 (2) tal-Kodici Kriminali, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar.

Ikkonsidrat;

Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li toqghod fuq l-unika versjoni guramentata li kellha quddiemha w tiskarta l-versjoni mhux guramentata w mhux korroborata tal-appellant. Kellha wkoll kull dritt li tosserva li l-fatt li hu ma kellux *"defensive wounds"* kompatibbli ma min qed jipprova jilqa' b' idejh daqqiet ta' sikkina, tkompli ddajjef il-versjoni tal-appellant. Umbaghad l-istess appellant, kif ben tajjeb osservat l-Ewwel Qorti, jaccetta li hu seta' laqat lil Vella bis-sikkina li dak il-hin kienet zgur f' idejh.

Illi umbaghad il-fatt li jkun hemm versjonijiet konfliggenti ma' ghandux iwassal necessarjament ghall-liberazzjoni tal-akkuzat ghaliex kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003]) "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux."* (ara ukoll **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Denis Pandolfino et"** [19.10.2006].

Illi hu minnu li fis-sentenza appellata ma hemmx riferenza ghall xi difiza ta' legittima difeza jekk din saret mill-abbli

difensur tal-appellant quddiem l-Ewwel Qorti, (u dan stante li t-trattazzjoni mhix traskritta), pero' ladarba l-Ewwel Qorti abbraccjat il-versjoni ta' Dorianne Vella, kif kellha dritt li taghmel, il-fatt li l-appellant mar ihabbat b' mod aggressiv wara l-bieb ta'Jason Vella hekk kmieni filghodu w il-fatt li mart il-vittma Jason Vella ratu bis-sikkina f' idejh u jaghti biha lil zewgha li effettivament intlaqat, jindika bic-car li kien hu l-aggressur u ghalhekk zgur ma jistax jadduci b' success it-tezi tas-*"self defence"* anki fuq bazi ta' probabbilta'.

Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti w cioe' li l-incident verament gara quddiem ir-residenza tal-konjugi Vella, li l-appellant kien qed ixejjer bis-sikkina kif ratu Dorianne Vella w hu stess jaccetta li f' certu hin kien qed jaghmel u li l-feriti li sofra Jason Vella kienu proprju dovuti ghad-daqqiet bis-sikkina li kien tah l-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-aggravju li ma saritx il-prova li l-appellant kellu intenzjoni specifika li jikkaguna offiza ta' natura gravi, anki din hi kwistjoni ta' apprezzament ta' fatt. Issa hu risaput li l-intenzjoni tista' tigi intuwita w dedotta mill-provi indizjarji w mic-cirkostanzi li jakkompanjaw l-att materjali. Min jaqbad arma taqta' u bil-ponta u cioe' sikkina twila *"10 inches"* u jibda' jxejjer biha, ma jaghmilx dan biex jaghmel *"zizi"* lil dak li jkun. Kullhadd jaf x' jistghu jkunu l-konsegwenzi ta' tixjir bis-skieken u l-appellant bhala bniedem f' sensieh u normali hu prezunt li kien jaf x' jkunu dawn il-konsegwenzi kieku laqat lill-allegat vittma. Minn dan l-Ewwel Qorti setghet ukoll legalment u ragjonevolment tiddeduci li hu kellu l-intenzjoni li jakkaguna ukoll offizi ta' natura hafifa fuq Jason Vella u li dan ma sehhx proprju minhabba l-intervent ta' Dorianne Vella u l-fatt li Jason Vella rmexxielu jahrab jigri lejn l-ghassa, sija pure ferut bi *stab wound*, f'koxxtu w feriti hfief ohra w hekk jevadi lill-aggressur tieghu. Ghalhekk mic-cirkostanzi jidher li f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tiddeciedi li kien hemm ukoll

l-elementi kollha tat-tentattiv ta’ offiza gravi b’ arma taglienti w pungenti.

Ghalhek l-aggravji tal-appellant qed jigu respinti.

Din il-Qorti pero’, *marte propria,* thoss li ghandha tirrileva w tippreciza li t-tielet imputazzjoni dedotta kontra l-appellant ma hi xejn hlief imputazzjoni identika ghall-ewwel imputazzjoni w konsegwentement hija superfluwa. Inoltre l-ewwel, il-hames u s-seba’ imputazzjonji huma assorbiti fit-tieni imputazzjoni ta’ tentattiv ta’ ferita gravi ghall-fini tal-piena skond l-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, billi servew bhala mezz biex sar ir-reat kontemplat taht it-tieni imputazzjoni w cioe’ dak ta’ tentattiv ta’ ferita gravi. Dan kien imissu ntqal fid-decide tas-sentenza appellata . B’ dana kollu dan fil-fehma ta’ din il-Qorti m’ghandux jincidi fuq il-piena w provvediment ta’ sentenza sospiza erogati mill-Ewwel Qorti, li jidhru gusti w opportuni, fic-cirkostanzi.

Ghalhekk din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tichdu, pero’ fl-istess waqt, ghall-precizjoni, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha biss fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni w minnflok tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess imputazzjoni peress li hija l-istess wahda kontenuta fl-ewwel imputazzjoni, kif ukoll tiddikjara li l-ewwel, il-hames u s-seba imputazzjoni huma ghall-fini tal-piena assorbiti fit-tieni imputazzjoni a tenur tal-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------